

Dispożittiv

L-Artikolu 41 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha akkwist intra-Komunitarju ta' merkanzija huwa kkunsidrat bħala li twettaq fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, meta dan l-akkwist, li jikkostitwixxi l-ewwel tranżazzjoni ta' katina ta' tranżazzjonijiet suċċessivi, ġie kklassifikat b'mod żbaljat bħala tranżazzjoni nazzjonali mill-persuni taxxabli involuti, li indikaw għal dan il-għan in-numri tagħhom ta' identifikazzjoni tal-VAT (taxxa fuq il-valur miżjud) attribwiti mill-imsemmi Stat Membru, u li t-tranżazzjoni sussegwenti, li ġiet ikklassifikata b'mod żbaljat bħala tranżazzjoni intra-Komunitarja, kienet suġġetta għall-VAT bħala akkwist intra-Komunitarju ta' merkanzija mill-akkwirenti tal-merkanzija fl-Istat Membru tal-wasla tat-trasport tal-merkanzija. Din id-dispożizzjoni, moqrija fid-dawl tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' newtralità fiskali, tipprekludi madankollu tali leġiżlazzjoni ta' Stat Membru meta l-akkwist intra-Komunitarju ta' merkanzija li jitqies li sar fit-territorju ta' dan l-Istat Membru ikun ġej minn kunsinna intra-Komunitarja ta' merkanzija li ma tkunx ġiet ittrattata bħala tranżazzjoni eżentata fl-imsemmi Stat Membru.

(¹) ĠU C 110, 29.3.2021.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tas-7 ta' Lulju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bezirksgericht Bleiburg – l-Awstrija) – LKW WALTER Internationale Transportorganisation AG vs CB, DF, GH

(Kawża C-7/21) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Notifika u komunikazzjoni tal-atti – Regolament (KE) Nru 1393/2007 – Artikolu 8(1) – Terminu ta' ġimġha sabiex jiġi eżerċitat id-dritt ta' rifjut ta' riċezzjoni tal-att – Digriet ta' eżekuzzjoni forzata mogħti fi Stat Membru u nnotifikat fi Stat Membru ieħor fil-lingwa tal-ewwel Stat Membru biss – Leġiżlazzjoni ta' dan l-ewwel Stat Membru li tipprevedi terminu ta' tmint ijiem sabiex titressaq oppożizzjoni kontra dan id-digriet – Terminu għal oppożizzjoni li jibda jiddekorri fl-istess żmien tat-terminu previst għall-eżerċizzju tad-dritt ta' rifjut ta' riċezzjoni tal-att – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Dritt għal rimedju effettiv)

(2022/C 318/06)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bezirksgericht Bleiburg

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: LKW WALTER Internationale Transportorganisation AG

Konvenuti: CB, DF, GH

Dispożittiv

L-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000, moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

jipprekludi leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li taħtu taqa' l-awtorità li tkun ħarġet att li għandu jiġi nnotifikat jew ikkomunikat, li bis-saħħa tagħha l-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' ġimġha msemmi f'dan l-Artikolu 8(1), li fih id-destinatarju ta' tali att jista' jirrifjuta li jaċċetta li jirċevih għal waħda mir-raġunijiet previsti f'din id-dispożizzjoni, jikkoinċidi mal-bidu tad-dekorrenza tat-terminu għall-preżentata ta' rikors kontra l-imsemmi att f'dan l-Istat Membru.

(¹) ĠU C 88, 15.3.2021.